# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 19

**It-Tnejn, 25 ta' Mejju, 2020.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |

| | |
|---|---|
| Membri tal-Pubbliku: | NIL |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Sindku, ippresjeda

## Minuti

## 19.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

19.01.01 Is-Sur Sindku flimkien mal-kunsilliera kollha preżenti, approvaw in-nuqqas tal-presenza tal-kunsilliera (CS) u (JB)

## 19.02 Approvazzjoni tal-Minuti (Numru 18)

19.02.01 Waqt is-seduta ġew approvati l-Minuti tas-seduta ta' qabel bin-numri (18). Inġibdet l-attenzjoni mill-kunsillier (SZ) sabiex f'versi numru 18.03 u 18.05 titneħħa r-referenza li kienet tgħid: *'sakemm inkitbu dawn il-minuti, dawn il-punti kienu klarifikati'*. Għaldaqstant, kellhom jitneħħew dawn il-punti u r-referenza tagħhom titniżżel fit-tarf tal-istess paġna (numru 2/5 – Laqgħa numru 18). Il-proponent għall-Minuti numru (18) kien il-kunsillier (JBD), sekondata mill-kunsillier (SZ).

## 19.03 Skeda ta' pagamenti

19.03.01 Skeda ta' pagament bin-numru (Skeda 05/20) li tkopri xiri u pagamenti bejn il- 25 t'April u t-22 ta' Mejju, 2020. Inġibdet l-attenzjoni mill-kunsillier (SZ), għaliex ma ġewx inklużi pagamenti li jappartjenu lil kuntrattur tal-knis tat-toroq, bulk refuse u qtugħ tal-ħaxix. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegatlu li dan l-istess kuntrattur li għandu dawn il-kuntratti kollha, ir-riżulta li kellu ksur f'kuntratt minnhom u li għad irrid jitnaqqsulu l-penali. Għaldaqstant, dawn il-kontijiet ser ikunu jidhru fis-seduta li jmiss f'Ġunju 2020. Il-Kunsillier (AC) staqsa fuq vers numru 28 (Cassar skips), jekk l-ammonti humiex tajbin. Kemm is-Sur Sindku, kif ukoll il-kunsillier (MM) ikkonfermaw dawn l-ammonti. Inġibdet ukoll l-attenzjoni mis-Sur Sindku fuq ix-xiri estrem ta' żebgħa. Filwaqt li fehem li fil-mument il-Kunsill ingħata ħafna ħaddiema temporarji u qiegħed isir ħafna xogħol ta' tisbieħ, però din iż-żebgħa setgħet inxtrat mill-garaxx tal-Gvern bi prezz irħas. Madankollu, l-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata xorta waħda. Il-proponent kien il-viċi sindku, sekondat mill-kunsillier (AC).

## 19.04 Approvazzjoni tar-rapport tal-baġit għas-sena 2020

19.04.01 Il-membri kollha tal-Kunsill approvaw u wrew il-fiduċja li dan huwa rapport professjonali. Għaldaqstant il-proponent kien il-viċi sindku, sekondata mill-kunsillier (SZ)*

## 19.05 Komunikazzjoni mis-Sur Sindku

19.05.01 Waqt id-diskussjoni s-Sur Sindku wera d-disappunt tiegħu mis-servizz li qiegħed jingħata mill-kuntrattur marbut mal-ġonna. Huwa nnota nuqqas kbir f'xogħlijiet marbutin ta' żbir u tħawwil ta' siġar u fjuri. Il-kunsillier (MM) li dan il-qasam jaqa' taħt id-dekasteru tagħha, wieġbet illi l-kuntrattur s'issa wettaq ħafna xogħlijiet fil-ftit żmien minn mindu beda jopera mal-Kunsill. Iżda s-Sindku baqa' ma qabilx ma dan il-punt.

**19.04 -Sakemm inkitbu dawn il-minuti, dan il-punt reġgħa ġie diskuss bejn il-kunsillier (SZ) u l-accountant fi ħdan il-kunsill, fejn żdieded is-somma €158,000 bħala parti mill-ammont allokat u approvat, ta' €540,000.*

Is-Sur Sindku kompla li anke ċertu naħat li reġgħu inżebgħu, dawn setgħu stennew naqra oħra, minħabba li dawn ma kienux ilhom wisq li saru. Huwa saħaq illi għalkemm qiegħed isiru ħafna xogħlijiet, iħoss li r-residenti mhumiex iħossuhom li qegħdin nagħmlu biżżejjed. Il-viċi sindku semma' l-punt li l-bins tal-iskart, dejjem mimlijin. Kif ukoll il-Clean Malta kkummentat illi ġimgħa wara ġimgħa, il-bins tagħna dejjem issibhom mimlija. Il-kunsillier (MM) wieġbet illi l-kuntrattur riċentament intalab sabiex jibda jbattal il-bins l-ewwel ħaġa filgħodu. Il-kunsillier (MM) kompliet tgħid li, il-kuntrattur ma jistax jikness u jħalli l-boroż tal-ġbir warajh, u għaldaqstant ser tkun qeda tiġbidlu l-attenzjoni. Fuq dan il-punt kompla l-kunsillier (SZ), fejn sostna fuq l-importanza tal-colour coding tal-boroż, li l-qtugħ tal-ħaxix għandu jiġi kkunsidrat bħala skart organiku. Il-kunsillier (AC) semma' wkoll fuq l-għajnuna li ngħatat lil Kunsill minn Infrastructure Malta, sabiex jitħawlu ħafna siġar. Is-Sindku stqarr li l-importanza tal-oġġett mhux li tagħmlu, iżda li tkun kapaċi żżommu. Għaldaqstant fuq suġġeriment validu li tressaq mill-viċi sindku, il-kunsillier (MM) għandha tibda tagħmel skeda tax-xogħlijiet lil dan il-kuntrattur biex tindikalu x'ser ikun qiegħed iwettaq matul iż-żmien.

19.05.02 Is-Sur Sindku tkellem ukoll fuq is-sitwazzjoni tal-ħaddiema li huma mislufin fi ħdan il-Kunsill. Dawn hemm bżonn li jkollhom servizz ta' foreman li jqassmilhom ix-xogħol u josserva li xogħlijiet li ngħatawlhom jiġu magħmula. Bi qbiel, ġie ssuġġerrit illi din il-pożizzjoni tixraq lis-Sur Raymond Vella (ħaddiem misluf fi ħdan il-Kunsill). Għaldaqstant, fil-ġranet li ġejjin ser isiru diskussjonijiet interni sabiex jaraw jekk is-Sur Vella jixtieqx din il-ħatra, filwaqt li jsir kuntatt mal-impjegati tiegħu sabiex jingħatalu dan il-grad. Issemma' wkoll il-kumpens ta' €200.00 fix-xahar, jekk jaċċetta din il-ħatra.

19.05.03 Fuq talba tas-Sur Sindku, l-uffiċċju talab għal diversi kwotazzjonijiet, li sar approvazzjoni fuqhom. Dawn kienu:

- Grada għal-iskate park – kwotazzjoni mingħand Francesco – għall-prezz ta' €460.00 (all inc);
- Bieb tal-aluminium għall-board room – l-uffiċċju jrid jippreżenta żewġ kwoti oħra;
- Grada għal ħdejn il-kappella ta' San Ġorġ u l-Club tas-sajjieda – mingħand Francesco Amoroso – għall-prezz ta' €320.00 (VAT inc). Il-kunsillier Zammit għad irrid jippreżenta sketch ta' kif ser tiġi ordnata;
- Kwotazzjoni oħra mil-kunsillier (AC), fir-rigward l-automatic barriers. Il-ftehim sar fuq il-kwotazzjoni provduta mingħand Alberta – għall-prezz ta' €2,050.25.

19.05.04 Ittieħdet mozzjoni mressqa mill-kunsillier (AC), sekondat mill-kunsillier (SZ), sabiex l-art magħrufa bħala Wied il-Buni, ġewwa Birżebbuġa, tiġi devuta lil Kunsill mill-Awtorità tal-Artijiet. Fuq dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv ser tirispondi għal korrispondenza li l-uffiċċju rċieva fuq dan l-aspett min-naħa tal-MTCP.

## 19.06 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

19.06.01 Punt li tqajjem waqt din is-seduta mis-segretarju Eżekuttiv kien fuq l-importanza li tiġi osservata l-liġi fuq xiri jew ordnijiet li ma jistgħux jaqbżu l-ammont ta' €5,000.00 mingħajr ma toħroġ sejħa għall-offerti. Ġie miġjub ukoll l-attenzjoni fuq punti li tressqu mill-awdituri. Is-Segretarju Eżekuttiv saħqet illi l-kunsilliera ma jistawx jagħtu ordnijiet kemm lil kuntratturi,

kif ukoll lil ħaddiema, mingħajr l-approvazzjoni tagħha. Hija saħqet ukoll illi xiri ta' materjal jew servizz, il-kunsilliera jridu wkoll ikollhom l-approvazzjoni tagħha minn qabel. Ċertu xogħlijiet li ma kienux ġew imniżżla u diskussa fil-baġit, ma jistgħux isiru mingħajr ma jintlaħaq kompromess. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tisħaq fuq l-importanza tal-użu tar-riżorsi fi ħdan il-Kunsill. Ma nistgħux nagħtu xogħlijiet lil ħaddiema fi ħdan il-Kunsill li huwa marbut ma' entitajiet oħra. Dan il-għaliex, apparti li nkunu qegħdin inaqqsu mil-ħin u flus allokati lil Kunsill, il-Kunsill ikun qed ipoġġi lilu nniffsu fi kwalunkwe problema li dil biċċa xogħol tista' ġġib magħha.

## 19.07 Punti mressqa mill-viċi Sindku fosthom marbuta mad-dgħajjes tas-sajjieda

19.07.01 Waqt is-seduta reġa' ssemma' l-każ fir-rigward it-talba li l-Għaqda Sajjieda Dilettanti reġgħet resqet, sabiex erba' opri tal-baħar jinżammu fil-parkeġġ minħabba li sidhom jaqgħu taħt il-miżuri mħabbra mill-Awtorità tas-Saħħa marbuta mal-pandemija. Intlaħaq ftehim li dawn id-dgħajjes bir-reġistrazzjoni (MFC 1522/ S 14765/ S 15798/ S 16629) għandhom jersqu lejn in-naħa tal-Enemalta. Fir-rigward it-talba tal-lanterna, din kienet diġà ġiet diskussa waqt laqgħa li saret aktar kmieni dan ix-xahar bejn il-membri tal-Kunsill u l-Ministru tat-Turiżmu. Din it-talba ser issir min-naħa tal-Ministeru tat-Turiżmu.

19.07.02 Il-viċi Sindku staqsa wkoll fejn waslet it-talba sabiex il-vann li jarma' bil-ġelat fil-Bajja ta' San Ġorġ, ma jħallix il-wire tad-dawl mgħotti bil-pjataforma tal-ħadid li kienet ta' periklu fin-nofs għal pedestanti. Għaldaqstant sar qbiel sabiex jitwaħħal fustum tad-dawl bejn il-lampi, il-wire tal-vann tal-ġelat ser jiġi mgħoddi minn ma' dan il-fustum, u jgħatti fergħa lil vann tal-ġelat minn fuq flok minn taħt.

**Il-Kunsill talab għal estenzjoni tal-ħin, peress li saru d-disgħa ta' filgħaxija u qabżu tliet siegħat. Il-proponent kienet il-kunsillier (JBD), sekondata mill-kunsillier (AC)**

## 19.08 Punti mressqa mill-kunsillier (SZ)

19.08.01 Il-kunsillier (SZ) staqsa dwar id-direzzjoni tat-tender li huwa skadut għall-istreet lightning, li fih jiġbor ukoll id-dawl dekorattiv ta' Misraħ San Ġorġ Preca u Misraħ Pietru Pawl Saydon. Dan it-tender rispettivament, irrid jikkonfermalna l-maniġer tal-kuntratti fi ħdan il-Kunsill, jekk jistax jiġi mġedded b'sena. Il-kunsillier Zammit stqarr ukoll li għad irridu naraw eżatt x'inhi l-proċedura mal-Awtorità tal-Ippjanar, fir-rigward ta' tqegħid ta' arbli tad-dawl f'żoni magħrufa bħala ODZ, li jaqgħu 'l barra miż-żoni tal-iżvilupp.

19.08.02 Il-kunsillier (SZ) semgħa wkoll il-bżonn ta' dawl ġdid għal toroq: Kan. Karm Bugelli, Barrieri u Ferndinand Stuflesser 2. Hemm bżonn li jiġu installati madwar 12 – il arblu u s-supply minn ġol bankina. Għal dan il-proġett diġà hemm ibaġitjati somma ta' madwar €12,000.00. L-unika problema tidher li hi jew tender ġdid jew estenzjoni tal-kuntratt estiż. Għaldaqstant ġie diskuss li l-ewwel il-maniġer tal-kuntratti jiċċekjalna jekk hux possibbli li nestendu l-kuntratt b'sena, iżda fl-istess waqt nirranġaw l-istrittura tal-kuntratt li kien diġà nħareġ u ma kienx ġie approvat, sabiex nerġgħu noħorġu s-sejħa oħra għall-offerti. Fuq l-istess tema, il-kunsillier (SZ) ressaq it-talba għal żewġ lampi ġodda għal fuq arbli, fi Sqaq il-

Kunċizzjoni, minħabba li qiegħed isir is-serq u abbużi oħra. Dan il-proġett ukoll hemm ibaġitjat is-somma ta' madwar €1,600.00.

19.08.03 Ġie diskuss u approvati żewġt road humps*, kif ukoll slow signs għal Wied il-Qoton. Il-kunsillier (SZ) għandu jibgħat emajl lil uffiċċju sabiex issir il-works order. Madankollu, inħasset il-ħtieġa li dan il-Wied għandu jiġi mnaddaf. Inġibdet l-attenzjoni minn (SZ) illi dan il-Wied fih żewġ naħat, naħa tagħmel ma' Żurrieq road u naħa oħra tagħmel ma' Triq il-Qoton li tagħti għal Triq il-Ġebel. Huwa kompla jisħaqq illi Triq tal-Ġebel meta kienet saret, kien tkellem mas-Sindku preċidenti sabiex l-ispralli bl-ilma tal-bdiewa jgħaddu minn ġol għelieqi. Dwar l-ispralli, il-kunsillier (AC), ser jitlob suġġeriment mingħand David Vassallo. Il-viċi ġibed l-attenzjoni lil kunsillier (MM) fuq l-ispralli. Dan huwa xogħol il-kuntrattur tal-cleaning u għandhom jitnaddfu minn qabel Awwissu, b' użu ta' high pressure. Il-Kunsilliera (MM) għandha tkellem lil kuntrattur.

19.08.04 Il-kunsillier (SZ) tkellem ukoll, li hemm bżonn li jiżdiedu jew jinbidlu t-tabelli tal-Monti skont il-ħinijiet tal-iskola, kif ukoll tibdil u żieda ta' tabelli fi Triq it-Tankijiet u Triq San Mikiel. Għal l-istess area, (SZ) saħaq fuq l-importanza li jitwaħħlu żewġ mirja. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet xi kemm hemm bżonn tabelli. Il-kunsillier (SZ) qal li hemm bżonn madwar 12-il tabella u li fil-ġranet li ġejjin ser jibgħat il-mudell il-ġdid kif għandhom issiru, kif ukoll indikazzjoni fejn għandhom jitwaħħlu l-mirja.

19.08.05 Tqajjem ukoll il-punt dwar sejħa għad disinn ta' rinovazzjoni u tisbieħ tal-Pjazza. Il-kunsillier (SZ) isuġġerixxa li ssir esebizzjoni tad-disinji sabiex wara tkun tista' ssir l-għażla bil-parteċipazzjoni tal-komunità. Huwa qal li għandu jitwaqqaf bord li jistabbillixi linji gwida li jkunu jinkludu żieda fil-parkeġġi, żona pedestreali (f'xi ħinijiet), kif ukoll il-monument ta' Birżebbuġa u aċċess għax-xelter u aktar dwal fil-Pjazza. Fuq l-istess suġġett u tema, kien diġà ġie mitkellem u mqajjem aktar ġranet qabel, waqt laqgħa virtwali mal-Ministru tat-Turiżmu, l-Onorevoli Julia Farrugia Portelli. Il-viċi stqarr li l-ewwel indikazzjoni hija li skont il-Ministru l-isem jagħżluh il-komunità stess. Għaldaqstant il-kunsillier (SZ) qal, li peress din is-sena l-festa parrokjali mhiex ser issir, din għandha tkun attività f'Jum Birżebbuġa (Settembru), fejn jittellgħu xi stands fil-pjazza. Din tkun tista' sservi wkoll ta' fund raising għall-għaqdiet, bil-parteċipazzjoni tal-istess għaqdiet, flimkien mal-Parroċċa. Il-viċi ssuġerrixxa li ssir fi Ġnien Indipendenza. Il-kunsillier (MM) qablet ukoll, minħabba li fih il-funtana. Madankollu, il-kunsillier (JBD) saħqet illi l-attivitajiet jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha u li fil-ġranet li ġejjien sejra tippreżenta l-pjanijiet għal din l-okkażjoni. (SZ) stqarr li ma jixtieqx li din l-attività ssir ix-xatt. Huwa stqarr li mil-esperjenza tal-proġett ta' Wied il-Buni, li nħella ħafna ħin, jixtieq li dan il-kunċett isir qabel ma jkompli l-perit.

19.08.06 (SZ) tkellem ukoll fuq ir-Reserved Communial Parking for blue sticker holders, relatat ma' dar fil-kantuniera, qabel ma titla' l-area tal-Papa. Huwa qal li xtaq jagħmel laqgħa wkoll mal-Perit għal family park qabel ma jiġi ppreżentat draft sabiex aħna nkunu nistgħu jippreżentaw l-ideat u nifthemu fuq il-kunċett. Fuq dan is-suġġett issuġġerrixa li nitkellmu darba oħra meta jkollna briefing fuqu.

19.08.07 - Il-Bajja ta' San Ġorġ – Il-kunsillier (SZ) stqarr li ma kienx favur li jsiru l-pots, iżda dawn aħjar minn bollards. Il-kunsillier (MM) qalet li hemm bżonn li ssir communial parking ħdejn it-tabella tar-reserved.

**sakemm inkitbu dawn il-minuti, intlaħaq ftehim illi jsiru road signs biss.*

## 19.09 Punti mressqa mill-kunsillier (DP)

19.09.01 Il-Kunsillier (DP) saħqet fuq l-importanza li l-Kunsill għandu jkun jaf xi jkun qed jiġri. Hija rreferrit fuq it-Trakka tal-Go Karts, ġewwa Ħal Far, fejn qalet li mhux sew li l-Kunsill isir jaf permezz tal-media soċjali. Il-kunsillier (AC) spjega kif dan l-aħħar ittieħdet deċiżjoni mill-uffiċċju sabiex kull biċċa xogħol li tintalab, l-ewwel irrid jiġi kkonfermat min-naħa tiegħu. Madankollu ttieħdet deċiżjoni sabiex l-uffiċċju jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u jressaq din it-talab.

19.09.02 Il-kunsillier (DP) resqet suġġeriment sabiex isiru żewġ statwi tal-ġebel fil-pjazza, sabiex dawn jgħaqqdu l-parroċċa preżenti ma' dik preċidenti. Iż-żewġ statwi għandhom ikunu jirrappreżentaw lil San Pietru, flimkien ma' statwa oħra ddedikata lil Marija Addolorata.
Il-kunsillier (DP) stqarret li jkun jixraq li Misraħ il-Knisja jinbidel għal Misraħ San Pietru. Il-kunsillier (SZ) wieġeb illi meta r-residenti kienu ġew mitluba, ma kienx sar qbiel. Il-kunsillier (AC) fakkar li madwar sentejn ilu diġà konna propojnieha, iżda kienet ġiet irrifjutata. Madankollu, iz-zuntier huwa parti mil-knisja u għal dan irrid jagħtina permess il-kappillan.

19.09.03 Kien hemm ukoll suġġeriment dwar it-tabelli ta' Triq il-Bieqja. Il-Kunsillier (SZ) ippreżenta l-pjanta taż-żona bit-tabelli b'kollox.*

## 19.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

19.11.01 Il-laqgħa aġġornat fid-disgħa u erbgħin minuta. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 22 ta' Ġunju, fis-sitta ta' filgħaxija, ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________________ | ___________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**sakemm inkitbu dawn il-minuti, il-kunsillier (AC) indika li kien hemm żball u ttranġaw.*